Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru:- 91/2016

**Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited (appellanti)**

**Vs**

**George Fenech u Margaret Rose Fenech (appellati)**

3 ta' April, 2017.

1. L-attrici harrket lill-konvenuti ghas-somma ta' 1,102 bilanc minn somma akbar ghall-bejgh u konsenja ta' merkanzija.

2. Il-konvenuti wiegbu li l-ammont kien thallas.

3. B'sentenza tas-27 ta' April, 2016 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar laqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u cahad it-talba tas-socjeta attrici. It-Tribunal osserva:

*Illi fil-kaz odjern jidher bic-car li l-hlasijiet da parti tal-Konvenuti lis-Socjeta Attrici kienu jsiru b'mod xejn ortodoss fejn kienu jigu ggirati cheques jew isiru pagamenti f'kontanti. Jidher li din il-prassi kienet madankollu accettabbli ghas-Socjeta Attrici. It-Tribunal ezamina bir-reqqa d-dokumenti li gew prezentati u ma jistax jislet xi konkluzjonijiet logici li jistghu facilment jirrisolvu l-vertenza. Per ezempju, fil-waqt li skond il-fattura a fol 23, din kellha tithallas mal-konsenja (Cash on Delivery), il-fatturi a fol 25 u 26 kellhom terminu ta' hmistax-il jum biex jaghlqu. Il-fattura mertu tal-kawza a fol 12 imbaghad kienet taghlaq wara tletin jum. Il-prezenza tal-kelma "Paid" fuq il-fatturi jidher li hija prassi u tirrizulta wkoll, minbarra fuq il-fattura mertu tal-kawza a fol 12, anke fuq il-fatturi a fol 25 u 26. Ghalhekk din ma kienetx xi haga ta' darba u l-argument ta' Sapiano li l-prova tal-hlas trid tkun fuq ircevuta ufficcjali tal-kumpannija, minkejja dak li hemm stampat fuq il-fattura, ma jregix.*

*It-Tribunal ghalhekk huwa kostrett jillimita ruhu max-xhieda li xehedu quddiemu tal-Konvenuta u ta' Cassar. Minn apprezzament tax-xhieda jidher li l-Konvenuta hija konvinta li l-pagament in kwistjoni sar. Hija dejjem sahqet dan il-fatt li hu anke kkonfermat minn Sapiano. Mill-banda 'l ohra, ma ngiebet ebda prova li ttiehdu xi passi da parti tas-Socjeta Attrici dwar il-fattura mertu tal-kawza. Certament li t-trapass taz-zmien jimmilita kontra s-Socjeta Attrici. Bhalma jimmilita wkoll kontriha il-fatt li Cassar qieghed jittenta jiggustifika l-mankanza ta' azzjoni fuq l-allegat zball billi jghid li ftit taz-zmien wara ma baqax jahdem mas-Socjeta Attrici biex imbaghad jistqarr li l-"ftit taz-zmien" kien mas-sentejn wara!*

*Fic-cirkostanzi, it-Tribunal ma jqisx li gie ppruvat sal-grad li trid il-ligi li l-kitba "Paid" fuq il-fattura mertu tal-kawza saret bi zball u kwindi mhemmx lok sabiex it-Tribunal imur kontra l-miktub. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-Konvenuti tirrizulta ppruvata".*

4. L-attrici appellat mis-sentenza. L-aggravji huma li t-Tribunal ma tax bizzejjed piz:

i. ghall-fatt illi l-fattur in kwistjoni tipprovdi li, "no receipts are recognised unless issued on the Company's official receipt".
ii. li d-deposizzjoni ta' Dylan Cassar ma nghatatx bizzejjed piz.

5. Il-konvenuti ma wiegbux.

**Konsiderazzjoni.**

6. Il-hlas intalab fir-rigward tal-invoice 11906556 datat 14 ta' Frar, 2011 (fol. 12) li originarjament kien ghas-somma ta' €1,125. Fuq l-istess dokument hemm notament: *"Paid on a/c €23 25-2-11"* u iktar l-isfel hemm il-kelma *Paid* u tahtha l-firma ta' Dylan Cassar, li kien impjegat tas-socjeta attrici.

7. Hu minnu li fl-invoice hemm miktub: *"No receipts recognised unless issued on the Company's official receipt"*. Pero' din m'hijiex xi prova *juris et de jure*. Il-fatt li ma nghatatx ricevuta ufficjali ma jfissirx li ma sarx il-hlas. Din m'hijiex l-uniku mod kif jista' jigi ppruvat il-pagament. Fil-fatt irrizulta wkoll kif l-ircevuti ma kinux jinhargu dak il-hin li jsir il-hlas. Ovvjament, l-oneru tal-prova tal-pagament kien fuq il-konvenuti.

8. Ghal dak li jirrigwarda d-deposizzjoni ta' Dylan Cassar, dan xehed: *"Nghid illi jiena ktibt paid u ffirmajt fil-25 ta' Frar, 2011 meta nqatghu €23"*. Jekk dan hu minnu:

   (i) ma kellux ghalfejn iktar l-isfel jikteb il-kelma paid gialadarba din kienet diga' nkitbet fuq. Ix-xhud ma ta l-ebda spjegazzjoni ghalfejn rega' kiteb il-kelma paid jekk l-uniku pagament li rcieva dwar dak il-kont kienet is-somma ta' €23 li dwaru kien diga' kiteb *"paid on a/c €23 25-2-11"*.
   (ii) Kien jaghmel sens li l-firma jaghmilha ma' gemb in-notament li thallsu €23 akkont.

   Ix-xhud stess ikkonferma li kull meta mar ghand il-konvenuti sabiex ihallsu, dejjem hallsu u, *"Mistoqsi jekk qattx kellna problema ta' flus maghhom nghid li le qatt ma kellna dejjem hallsu mill-ewwel"*. Kliem li fih innifsu hu certifikat favur il-konvenuti.

   Inoltre l-konvenuti pprezentaw zewg invoices ohra (fol. 25 u 26) datati l-1 ta' Marzu, 2011 u 7 ta' Marzu 2011, fejn hemm ukoll il-kelma *Paid* u tahtha l-firma tax-xhud. Hu stess xehed li dawk l-invoices thallsu. Il-qorti ssibha difficli temmen li thallsu dawn iz-zewg kontijiet u mhux dak oggett tal-kawza, meta tqies li l-kont datat 14 ta' Frar, 2011.

9. Cirkostanza ohra li timmilita favur il-konvenuti hi li l-kont datat 14 ta' Frar, 2011. Mill-provi ma rrizultax li f'dak iz-zmien l-attrici kienet talbet il-hlas

minghand il-konvenuti. Dan apparti li l-interpellazzjoni permezz ta' ittra ufficjali saret biss fis-27 ta' Jannar, 2016.

10. Wara li l-qorti qieset il-provi kollha ma ssib l-ebda raguni ghalfejn m'ghandix taqbel mal-konkluzjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici.**

Anthony Ellul.